# Beati u Qaddisin...Novembru

**10 ta' Novembru  San Andrea Avellino**

Sant'Andrea Avellino twieled gewwa Castronuovo fis-sena 1521 u l-ġenituri tiegħu Giovanni Avellino u Margerita Apelli tawh l-isem ta' Lancellotto. Zijuh l-arcipriet ghenu fl-istudji tieghu u kull meta kien ikollu l-opportunita kien jezercita l-appostolat nisrani fost iz-zaghzagh. Ordna sacerdot fis-sena 1545 u mar gewwa Napli f'Ottubru tas-sena 1547 biex jidhol



jistudja gewwa l-Universita' Naplitana. Il-Bidu tal-karriera tieghu kien x-xoghol ta' avukat fil-kurja izda abbanduna dan ix-xoghol minhabba gidba u xnigha falza li bidet iddur fuqu, fatt li hallielu mrar kbir f'hajtu.

Mons Scipione Rebiba, vikarju generali ta' Napli afdalu f'idejh biex iwettaq riforma f'monasterju tas-sorijiet. Hu ha din il-bicca xoghol bl-akbar zelu u hegga u impona klawsura fuq is-sorijiet. Kien hemm min kellu interessi ohra fil-monasterju tant li xi sikari ferewh gravament u kien kwazi b'miraklu li fieq.

Kellu bhala direttur spiritwali lit-teatin ta'hajja qaddisa. Padre Giovanni Marinonio. Fuq talba tieghu dahal jaghmel parti mill-Ordni tat-Teatini ta' San Pawl Maggiore gewwa Napli u bidel ismu tal-maghmudija ghal dak ta' Andrea, l-Appostlu tas-Salib. Fis-sena 1559 ghamel pellegrinagg ghar-Ruma fejn gie milqugh mill-Papa Pawlu IV li kien fundatur ma' San Gejtanu ta' l-Ordni tat-Teatini. L-appostolat tieghu kien varju: kiteb hafna ittri spiritwali u diversi trattati u fuljetti dwar l-axxetika u studji bibblici.

Ghamel zmien jiehu hsieb in-novizzi u kien superjur t' l-istess dar ta' San Pawl Maggiore ghal tlett snin. Ha hsieb jwettaq id-djar ta' Milan u Piacenza u hadem hafna go Napli biex jizra u jxtell il-paci, li f'dawk iz-zminijiet kienet imwarrba ghal egozimu ta' xi uhud. f'Mejju tas-sena 1582, wara 10 snin ta' appostolat fil-Lombardija huwa rtira f'Napli. Tah attakk ta' poplesija waqt li kien qed iqaddes li minnu ma rrnexxilux ifieq. Miet filghaxija tal-jum 10 ta' Nov tas-sena 1608.